ADRIAN GRIMA

## Iċ-Ċimiterju ta' Arlington, Virginia

F'din l-ewwel skola fil-miftuħ li qatt żort
hawn il-bankijiet u l-istudenti kwieti u ggalbati,
imqegħdin f'ringieli kważi perfetti.
Iżda s-skiet mhuwiex żball,
jew passività, jew ingratitudni lejn l-għalliem.
Li kellhom jitgħallmu tgħallmuh,
u issa jisktu huma biex nitgħallmu aħna
li nduru u nħufu f'dawn il-klassijiet moderni
mingħajr ħjiel, kieku ma jgħidulniex ta' qabilna,
li sibna ruħna fl-aħjar skola possibbli.

Uħud mill-ex-alumni għandhom bank
ikbar minn ta' sħabhom
imma l-biċċa l-kbira laħqu ndunaw bid-differenza fil-qisien
u għamlu bank bħal tas-soltu,
kemm kemm joqgħod ġisem ta' bniedem
u post fejn tħarbex xi ħaġa.

Arlington jgħallmuk kollox f'daqqa
u mbagħad ma jkollokx għalfejn issaqsi aktar.

© Adrian Grima - *Rakkmu* (2006) – www.adriangrima.com